**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 34 (KONTINWAZZJONI) – T-TLIETA 31 TA’ JANNAR 2012

Il-Kunsill iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. IL-*BONUS* TAL-ĦADDIEMA

1.1 Il-laqgħa tkompliet bis-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, ipoġġi l-*Performance Bonus* fuq il-mejda tal-Kunsill.

1.2 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, qal li qed jipproponi li s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Alfred Buhagiar, jingħata l-*performance bonus* sħieħ, u dan minħabba l-fatt li dan wera l-abbiltajiet u l-effiċjenza tiegħu matul s-sena li għaddiet.

1.3 Wara li l-Kunsilliera eżaminaw ir-rapport dwar il-ħidma tas-Segretarju ttieħed il-vot mill-kunsilliera bir-riżultat ta' erbgħa voti favur u wieħed kontra.

1.4 Favur – Dr Ian Castaldi Paris, is-Sinjura Magda Magri Naudi, is-Sur Jeremy Anthony Dalli u s-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.5 Kontra – Dr Marc Sant poġġa ittra annessa mmarkata 'DOCA'.

1.6 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, irrakomanda li l-impjegati klerikali tal-Kunsill jingħataw l-*performance bonus* sħiħ.

1.7 Il-Kunsill approva li l-*performance bonus* ta' l-imjegati klerikali jinghata *full* skond ir-rakomandazzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. *FINANCIAL STATEMENT*

2.1 L-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono, li kien preżenti f'din il-laqgħa għamel spjegazzjoni dwar ir-rapport maħruġ min-*National Audit Office* u li kopja tiegħu intbagħtet lill-Kunsilliera fil-5 ta' Jannar 2012.

2.2 L-Acccountant wieġeb għad-domandi tal-Kunsilliera.

2.3 Il-Kunsilliera ddiskutew l-*Audit Financial Statement* għas-sena 2012 flimkien ma' l-Accountant li għamel spjegazzjoni dettaljata u wieġeb għad-domandi tal-Kunsilliera.

2.4 L-*Audit Financial Statements* kifipprezentati, għandhom jintbagħtu lid-Direttur tan-*National Audit Office* u lill-awdituri tal-Gvern Ċentrali, Grant Thorton.

## 3. PPP – TOROQ

3.1 Il-Perit John Rizzo Naudi kien prezenti waqt din l-laqgħa biex jinforma lill-Kunsill dwar ix-xogħolijiet ta' Triq Annibale Preca, Ħal Lija.

3.2 Skond il-Perit, il-Kunstrattur Polidano Borthers Ltd. jidher li reġa' qed ikompli bix-xogħolijiet u kemm-il darba ma jkunx hemm problemi, din it-Triq għandha tkun lesta sa nofs Frar 2012.

3.3 Inġibdet l-attenzjoni dwar possibilta' li Triq il-Kunċizzjoni, temporanjament, ma tibqax f'direzzjoni waħda sakemm jitlestew ix-xogħolijiet fi Triq Annibale Preca, Ħal Lija.

3.4 Il-*Contract Manager*, il-Perit John Rizzo Naudi, wieġeb li kien ser jindaga ma' Transport Malta dwar din il-possibilta'.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Il-Kunsill tkellem dwar ittra mis-Sur Mark Sciberras bid-data ta' l-24 ta' Jannar 2012, fejn dan kien qed iressaq quddiem il-Kunsill l-idea biex ikun stampat ktieb dwar Ħal Lija.

4.2 Is-Somma biex dan il-ktieb jiġi stampat hija ta' €4,500, u għal din ir-raġuni s-Sur Sciberras kien qed jitlob biex il-Kunsill jiffinanzja dan il-'proġett'.

4.3 Il-Kunsielliera qablu li għandhom isiru aktar diskussjonijiet mas-Sur Mark Sciberras biex tkun indagata l-possibilta' li jiġu organizzati *fundraising activites* biex jiffinanzja l-istampar ta' dan il-ktieb.

4.4 Il-Kunsillier, Dr Marc Sant, issurġerixxa li tinzamm attivita' u flok jitħallsu l-flus għal-ispejjez isiru ħlasijiet biex jiffinanzja l-istampar ta' dan il-ktieb.

4.5 Il-Kunsilliera ma qablux ma dan is-suġġeriment u kienu kontra ta' dan it-tip ta' għajnuna biex jiffinanzja l-istampar ta' dan il-ktieb.

4.6 Il-Kunsillier, is-Sur Jeremy Dalli, qali li huwa ma jaqbilx ma dan it-tgerfix kif semma Dr Marc Sant. Huwa qal ukoll li xtaq jinforma lill-Kunsill li kien qed jieħu parir mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex tkun iċċarata l-pozizzjoni tiegħu bħala kunsillier fir-rigward ta' artiklu li deher fil-gazzetta lokali.

## 5. IL-LAQGĦA

5.1 Il-laqgħa li jmiss ser ttinżamm nhar l-Erbgħa 29 ta' Frar 2012 fil-5.00 p.m..

5.2 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00 p.m..

Dr Ian Castaldi Paris
Is-Sindku

Alfred Buhagiar
Is-Segretarju Eżekuttiv